# KUNSILL LOKALI SANTA VENERA

Triq il-Kbira San Gużepp

Santa Venera SVR 1013

Tel: 21491030  Fax: 21491664
indirizze: santavenera.lc@gov.mt
Sit elettroniku: http://www.stvenera.gov.mt


**11/19**

**Il-Ħdax (11) -il laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Venera li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, nhar it-Tnejn 8 ta' Lulju 2013 fil-5.30 ta' filgħaxija**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Preżenti:** | Is-Sur Stephen Sultana | - | Sindku |
| | Is-Sur Jonathan Brimmer | - | Viċi Sindku |
| | Is-Sur Silvio Vella | - | Kunsilliera |
| | Is-Sur Jason Mangani | - | Kunsillier |
| | Is-Sinj. Elizabeth Vella | - | Kunsillier (skużata fit-19.38) |
| | Is-Sur Horace J. Anastasi | - | Kunsillier (daħal fit-20.30) |
| | Is-Sur Darren Carabott | - | Kunsillier |
| | | | |
| | Is-Sur Ranier Busuttil | - | Aġent Segretarju Eżekuttiv |

***Aġenda:***

1. ***Talba***
2. ***Qari u approvazzjoni tal-minuti***
3. ***Affarijiet li jitqajjmu mil-minuti***
4. ***Korrispondenza***
5. ***Skeda ta' pagamenti: Approvazzjoni***
6. ***Ilmenti***
7. ***Ordnijiet tal-Ġurnata***
    - ***(a) Rakkomandazzjoni mill-Bord tal-Għażla : Kuntratt tal-Knis***
    - ***(b) Kuntratt ftuħ u għeluq tal-Ġonna / Bandli***
    - ***(c) Kuntratt għal-Manutenzjoni u Bini ta' bankini u toroq***
    - ***(d) Kwotazzjonijiet għan- numru tal-bozoz***
    - ***(e) Kwotazzjonijiet għall-pubblikazzjoni tal-Kunsill***
8. ***Komunikazzjoni mis-Sindku***
9. ***Aġġornament***

1 Il-laqgħa bdiet fis-5.40 ta' filgħaxija.

2. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2.1 Il-Minuti 8/19, 9/19 u 10/19 ttieħdu bħala moqrija

2.2 Korrezzjoni tal-Minuti 8/19

2.2.1 Minuta 1.3.1 tiżdied 'kontro' qabel 'protest'.
2.2.2 Minuta 1.3.4 wara xogħol infrastrutturali tinqata' 'u li' u tiżdied 'Is-Sindku rrimarka li l-*financial indicator* kien b'saħħtu għax ma sar xejn u għax'
2.2.3 Minuti 3.9.3 u 3.9.4 jinqatgħu.
2.2.4 Minuta 1.9.3 wara 'biex tikteb il-minuti' tiżdied 'u teżegwixxi d-deċiżjonijiet'
2.2.5 Minuta 1.10 tinqata' 'lill-' u ssir 'li l-'.
2.2.6 Minuta 1.11.5 flok 'mal-laqgħa' issir 'mal-minuta in kwestjoni'
2.2.7 Minuta 1.13.6 flok 'bid-deċiżjonijiet' issir 'biss id-deċiżjonijiet'; flok 'miegħu' issir 'flimkien'; u wara 'r-residenti' tiżdied 'ta' Misraħ Santa Venera'.
2.2.8 Minuta 1.13.7 Tinqata '*Is-Sindku nfurmah li din se tkun fil-matters arising*' u ssir 'Is-Segretarju Eżekuttiv qatt ma ressqet evidenza f'dan ir-rigward.'
2.2.9 Minuta 1.13.17 mal-aħħar sentenza tiżdied 'bi qbil mal-Accountant, is-Segretarju Eżekuttiv u l-Perit'
2.2.10 Minuta 1.13.18 flok 'titnea' ssir 'titneħħa'
2.2.11 Minuta 2.1.1 flok 'Aġġudikazzjoni' issir 'Għażla' ; flok 'lill-Bord lill-Kumpanija' issir 'lill-Bord, li l-kumpanija li kienet taħdem magħhom qabel kienet.'

2.3 Korrezzjoni tal-Minuti 9/19

2.3.1 Ma kienx hemm korrezzjonijiet

2.4 Korrezzjoni tal-Minuti 10/19

2.4.1 Minuta 1 flok 'il-quddiesa u bgħatu fjuri u lil dawk kollha li tawh l-għomor' issir 'il-quddiesa u li bgħatu fjuri u rringrazzja lil dawk kollha li tawh l-għomor.'

3.1 Affarijiet li jitqajjmu mill-Minuti (mil-Minuti 8/19)

3.1.1 Minuta 1.3.1 - Is-Sindku qal li Kontro Protest għadu ma ġiex ippreżentat ġaladarba kien għadu ma tħallasx. Il-Kunsill kien għadu qed jistenna l-invoice.

3.1.2 Minuta 1.3.5 – Is-Sur Sultana qal li it-TCTC huwa armat u lest biex jibda il-ġimgħa d-dieħla. Ser isir ukoll kors bl-isem ta' IKIDS plus għal €95 fejn it-tfal jingħataw ukoll tablet.

Kien hemm suġġeriment ukoll li isiru xi korsijiet għall-ġenituri bejn Ottubru u Diċembru 2013.

3.1.3 Minuta 1.3.6 – Is-Sindku qal li x-xogħol fuq Misraħ Santa Venera miexi u propju fil-ġurnata mar jara fejn ser jiġu t-tappieri. Ix-xogħol tat-tarmac ser isir appena jitlesta l-pavimentar.

Is-Salib li hemm fl-inħawi ser isir b'dawl waterproof sabiex ma jkunx hemm periklu.

3.1.4 Minuta 1.9.3 – Is-Sindku qal li dan il-punt ma kellux ikun fejn qiegħed minħabba li r-recording ma nstemax dakinhar u allura qatt ma setgħet tiġi mminitjata.

3.1.5 Minuta 1.9.6 – Il-Viċi Sindku qal li is-Sotto Kumitat taż-Żgħażagħ u affarijiet Ewropej huwa kompost minn Darren Carabott, Abigail Cremona, Christian Micallef u Juan Carlos Mangani. Il-Kunsill ikkonferma dawn il-membri. Is-Sur Brimmer qal li l-ewwel laqgħa ser jittrattaw il-proġetti tal-EU.

Is-Sur Darren Carabott tkellem fuq is-Sotto Kumitat tad-Drittijiet tal-Annimali, Konsumatur u Trasport u qal li dan is-sotto kumitat huwa kompost minnu u minn dawn il-membri – Nathalie Cremona, Joe Grech u Jason Mangani.

3.1.6 Minuta1.13.7 – Is-Sur Mangani qal li s-Segretarju Ezekuttiv ta' dik il-laqgħa qalet li f'dak il-ħin huwa u s-Sur Silvio Vella qalu kontra l-ħaddiema u mkien ma dehret fil-minuti.

3.1.7 Minuta 1.3.6 Is-Sindku nforma lil-Kunsilliera, li l-arbli in kwistjoni huma tal-Enemalta.

**3.2** ***Affarijiet li jitqajjmu mil-minuti 9/19***

3.2.1 Minuta 3.6 – Is-Sindku qal li kif kien ma' tal Enemalta ra li kien hemm 2 lampi oħra li qatt ma twaħħlu fejn il-bandli ta' quddiem il-Knisja u kellhom jiċċekjaw jekk kellhomx supply.

Intqal ukoll li il-lampa ta' Triq il-Parroċċa li inqalgħet għandha terġa titwaħħal fejn kienet jew mal-ġenb tal-Knisja jew tiġi fuq arblu.

3.2.2 Minuta 4.6 – Is-Sindku qal li l-Bord tal-Aġġudikazzjoni tal-Ark ta' Wignacourt ser jerġa jiltaqa' nhar l-Erbgħa filgħodu u stiednu lis-Sindku. Imbgħad fit-18 ta' Lulju ser ikun hemm laqgħa tal-Bord tal-Mepa fejn ġie imsejjaħ għaliha wkoll.

Is-Sur Brimmer qal aħna l-importanti li naraw fuq l-isem u id-direzzjoni li fejn ser iħares. Is-Sur Silvio Vella rrimarka li bħala fondazzjoni marru għand il-Ministru Joe Mizzi u qalilhom li qedgħha f'idejn il-Ministeru tat-Turizmu. Għalhekk kien hemm qbil li issir talba għal laqgħa mal-Ministru l-Perit Vella.

3.2.3 Minuta 7(b) – Is-Sindku ippropona li għal din is-sena ir-riċeviment għandu jinqabeż, minħabba l-problema ta' commitments fil-finanzi li ser jaffetwaw drastikament il-cash flow. Kulħadd qabel ma' din il-proposta u għalhekk ġie deċiż sabiex tintbgħat ittra lil għaqdiet tar-raħal biex nispjegaw din is-sitwazzjoni.

Rigward il-Mobile toilets is-Sur Sultana qal li ġibna stima u ser jiġu jiswew €25 kull wieħed kull jum. Għal tul il-festa ser ikollna bżonn 14 –il toilet għalhekk ser jiġu jiswew €350. Kulħadd qabel ma' dan il-prezz.

Saret diskussjoni ukoll fuq l-użu tal-Pulizija li jkunu extras minflok l-użu tal-Gwardjani u kien hemm qbil ukoll sabiex jiġu utilizzati.

Is-Sur Sultana tkellem ukoll fuq il-bollards li ser ikollna bżonn bejn 25 u 35 waħda. Li ser ikunu imqassmin fi Triq il-Fanali, Triq il-Kbira San Ġużepp, Triq il-Kanun, Triq San Ġorġ, Triq il-Brunżar u Triq il-Parroċċa. L-Importanti li jkunu jidhru mis-sewwieqa sabiex nevitaw kull tip ta' aċċident.

3.2.4 Minuta 8.2 – Is-Sindku qal li il-Grass Cutter huwa propju Grass Trimmer u instab. Bħala Grinder ivverifika li qatt ma kellna u id-driller li fl-inventarju kien qed jidher bħala bil-ħsara, ħadem ukoll.

Rigward il-karretta għandna ma xtrajnijiex u fuq jigger u generator is-Sindku qal li magħhom ikun ideali li jkollna xi tip ta' vettura biex iġorruhom fuq il-lant tax-xogħol. Is-Sur Sultana qal li għalhekk tajjeb li tinħareġ talba għal quotations fuqhom.

Rigward il-Jigger inġiebet kwotazzjoni li b'kollox jiġi jiswa €125 u kulħadd qabel li jinxtara.

Fit- 19.38 is-Sinjura Elizabeth Vella ġiet skużata għall-kumplament tal-laqgħa.

## 4. *Korrispondenza*

4.1 Is-Sur Sultana qal li għandna talba minn għand is-Sinjura Sandra Mallia sabiex tibda tagħmel korsijiet ta' crafts u xogħol tal-idejn, cottage u krafts riċiklat. Is-Sinjura Mallia bgħatitilna wkoll xi affarijiet magħmulha minnha riċiklati sabiex inkunu nistgħu naraw ix-xogħol tagħha. Il-Kunsill qabel sabiex ittina l-availability tagħha sabiex naraw meta nkunu nistgħu nagħmluhom. Il-prezz għal kull persuna huwa ta' €25 ta' 10 lezzjonijiet iġifieri bit-€2.50 kull lezzjoni li huwa ssussidjat wara li originarjament kienet talbet €40 għal kors kollu.

4.2 Is-Sindku ippreżenta korrispondenza mingħand Trasport Malta fuq rigward l-area ta' Triq Omnibus, Triq Franka u Triq is-Soll. It-TM qiegħdin jipproponu *traffic management* ta' kif jidrilhom l-aħjar li jiġi devjat it-traffiku. Il-Kunsill iddiskuta din il-proposta u qabel magħha u qal li nitolbu l-TM sabiex is-sleeping eżistenti li tinsab fil-kantuniera tibqa biex jiġi evitat kull tip ta' aċċident.

4.3 Ittra mingħand il-Klabb tal-Boċċi – Is-Sindku qara din l-ittra fejn il-klabb qiegħed jirreferi għal każ li seħħ madwar sentejn ilu minħabba l-kuntratt tal-latrina u qiegħdin jitolbu l-pagament ta' 4 xhur u li sallum kienu għadhom pendenti. Il-Kunsill qabel li niktbu lil Pulizija sabiex naraw jekk il-każ ingħalaqx u s-Sindku qal jekk il-każ ingħalaq għandu jinħareġ il-pagament. Il-Contracts' Manager ta' dak iż-żmien kien iċċertifika ix-xogħol ukoll.

Għalhekk il-Kunsill unanimament qabel li il-pagament għandu jinħareġ wara li jiġu kkonsultati l-Pulizija.

## 5 Skeda tal-pagamenti Approvazzjoni

5.1 Il-Pagamenti ġew approvati pero is-Sindku talab li għal-laqgħat li ġejjin jibda jkollna wkoll ir-rapporti tal-Contracts' Manager fejn għandhom x'jaqsmu kuntratti. Kull kont kuntrattwali jridu jkunu ċċertifikati mill-istess Contracts Manager.

## 6 Ilmenti

Il-Kunsill iddiskuta l-ilmenti li hemm pendenti fis-sistema minn numru 115 sa ilment numru 142. Id-deċiżjonijiet tagħhom huma dawn:

115. Ħaddiema Assenjati
116. Ittra lir-residenti
117. Trasport Malta
118. Refreshing Koptasin
119. Trasport Malta Refreshing
120. Koptasin
121. Koptasin
122. Lesta
123. Contracts' manager ma sabx ħsara
124. Water Services Corporation
125. Inżabret
126. Isem id-Dar
127. Ħaddiema assenjati u Trasport Malta
128. Nistennew isir ix-xogħol kif rikjest mil-MEPA
129. Ħaddiema Assenjati
130. Enemalta
131. Enemalta

132. DLG
133. Works Order Koptasin (hemm diġa)
134. Enemalta
135. Koptasin
136. Ħaddiema Assenjati
137. Ħaddiema Assenjati
138. Koptasin
139. Koptasin
140. Trasport Malta
141. Koptasin, pole minn tagħna
142. Permess dettaljat

Ilment ieħor kien dak tas-Sur Silvio Vella fejn qal li il-ġonna għandhom bżonn dawra fi żbir u tisqija. Is-Siġar tal-frott huma kollha bil-għatx ukoll. Il-Kuntrattur qiegħed jgħid li l-Kunsill ma jridx iġib ilma pero fil-Kuntratt għandu imniżżel li jrid jaħseb għalih hu. Il-Kunsill iddeċieda li jkellem lis-Sur Carmel Mifsud fuq dan.

Is-Sur Horace Anastasi daħal fil-laqgħa fit 8.30.

## 7 Ordnijiet tal-Ġurnata

### *(a) Rakkomandazzjoni mill-Bord tal-Għażla : Kuntratt tal-Knis*

Is-Segretarju qara ir-rapport tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni li qiegħed jiġi anness ma' dawn il-Minuti.

Il-Kunsill analizza l-fatt li ġaladarba l-Kunsill jinsab f'posizzjoni finanzjarja xejn pjaċevoli jagħżel l-offerta tas-Sur Owen Borg minħabba l-fatt li:

- Hija €2,340 fis-sena irħas, iġifieri madwar €7,000 fi tlett snin
- l-extras huma mingħajr ħlas
- iż-żewġ kuntratturi *shortlisted* għandhom referenzi tajbin mal-Kunsilli li jaħdmu magħhom.

Is-Sur Horace Anastasi qal li il-Kunsill seta' għamel appell f'postijiet oħra biex jibqa fuq il-punti tiegħu. Is-Sindku qal li minħabba li l-Kuntratt attwali kien ilu skadut sa minn Jannar 2013, irrimarka li fuq struzzjonijiet tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali ma nistgħux nibqgħu inġeddu aktar.

Fuq din id-deċiżjoni ittieħed vot fuq ir-rakomandazzjoni tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni li spiċċat ħames membri favur u vot kontra, ma kienx hemm astensjonijiet.

Is-Sindku qal li għalhekk irridu nibgħatu notifika lil kulħadd sabiex is-Sur Salvu Mifsud jieqaf bix-xogħol tal-knis nhar il-Ġimgħa 12 ta' Lulju u jibda is-Sur Owen Borg minn nhar it-Tnejn 15 ta' Lulju.

### *(b) Kuntratt ftuħ u għeluq tal-Ġonna / Bandli*

Il-Kunsill qabel li jinħarġu kwotazzjonijiet għal ftuħ u għeluq ta' ġonna għaliex skadut.

### *(c) Kuntratt għal-Manutenzjoni u Bini ta' bankini u toroq*

Il-Kunsill qabel li nibdew nippreparaw għal tender ta' tiswija ta' bankini u toroq. Inkellmu lil Perit.

*(d) Kwotazzjonijiet għan- numru tal-bozoz*

Il-Kunsill qabel li jintalbu quotations ta' numri tal-bozoz tat-toroq tal-ħadid. Dan sabiex jiġi evitat li jitħallas xogħol doppju.

*(e) Kwotazzjonijiet għall-pubblikazzjoni tal-Kunsill*

Il-Kunsill qabel li jintalbu quotations għal printing ta' rivista. Naraw jekk għandnix bżonn tender jekk nibdew noħorġuha kull tlett xhur jew sitt xhur.

**8 Kommunikazzjoni mis-Sindku**

8.1 Is-Sindku tkellem fuq proġett ta' rigenerazzjoni tal-Housing Estate li kellu jitlesta sa l-aħħar tas-sena 2012. Is-Sur Sultana qal li dan ix-xogħol qatt ma sar u ser nispiċċaw nitilfu €75,000. L-ASE tkellem mal-Perit Felix Sciberras fejn infurmah li bħalissa l-proġetti jinsabu miżmumin.

8.2 Is-Sur Sultana qal li qedgħdin nippruvaw nerġgħu inħaddmu l-photocopier l-antika sabiex tkun tista tiġi użata mill-għaqdiet u jġibu l-karti huma.

**9 Aġġornament**

9.1 L-aġġornament tal-laqgħa ġie iffissat għal nhar it-Tnejn 5 ta' Awwissu, 2013 fis-6.30pm.

9.2 Il-laqgħa intemmet fid-9.26pm.

Stephen Sultana
Sindku

Ranier Busuttil
Aġent Segretarju Ezekuttiv

Ikkonfermati llum, 5 ta' Awwissu 2013